A.L. 239 ta' l-2001

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2001 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2001 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet).

Art speċifikata.

2. L-art deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Jum stabbilit.

3. Id-drittijiet u r-responsabbilitajiet rigward l-art speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2001 jitwettqu mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta kif provdut fl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'biċċa art f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 9_92_6, liema pjanta hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att pubbliku datat 7 ta' Awissu, 2001.